# Is-Sahha tal-Haddiem u L-Edukazzjoni

**Lino Spiteri M.P.**

Jien nahseb li ma tantx hemm x'izzid ma' dak li ntqal, u naqbel ma' li qalu l-kelliema precedenti fis-sustanza ewlenija taghhom. Li jinkwetani, punt illi ssemma fil-bidu mill-membru tal-GWU. Qisna din is-sewwa li qed nitkellmu fuq il-funzjoni tad-direttur appuntat mill-haddiema mhux diretturi ohra. It-tendenza biex wiehed jghid 'qed nistennew dawn l-affarijiet mid-direttur appuntat mill-haddiema u ha naghmlu din il-kodici ta' prattici. Ha norbtuh bil-korazza? Le, imma ghax huwa ghandu karatteristika partikolari illi mhux gej mill-kultura tad-diretturi imma huwa gej mill-kultura tal-haddiema. Ahjar ikun hemm kodici ta' prattika, *guidelines*, mhux ligijiet. Il-ligijiet, il-kmandamenti t'Alla saru darba, imbaghad ried jirrevedihom, u Mose zelaq u rega ghamilhom. Il-bqija l-ligijiet l-ohra kollha jigu mill-parlament u daqqa jigu emendati. Kodici gwida ta' prattika. M'hemmx biza minn hekk, mhux rigidita jew solidifikazzjoni imma kjarezza. M'ghandux ikun hemm bzonn kjarezza? It-tieni nett id-diskussjoni dwar il-lealta lejn l-azjenda mhix diskutibbli. Jekk ikun hemm zlejalta lejn l-azjenda u l-azjenda tmur il-bahar, ha jbati l-konsumatur, ha jbati t-*taxpayer*. Jekk inhi azjenda kummercjali ha tbati l-azjenda nnifisha. Fl-ahhar mill-ahhar mhux il-haddiem se jbati? Il-bazi ta' kollox mhux il-haddiem hemmhekk ha jkun.

Imbaghad il-barra mill-haddiem ikun hemm dawn li semmejna. L-konsumatur, t-*taxpayer.* Ma jkunx hemm il-gvern. Il-Gvern, din l-ideja li l-Gvern hu xi haga hija l-akbar ironija fid-demokrazija. L-Gvern m'hu hadd. Il-gvern huwa ghasfur tal-passa li l-kaccaturi ma jolqtuhx. Jolqtu l-votant, kultant ibiddlu imma anke jekk ma jbiddlux, imut. Jien ghada ha mmut, le? Allura mhux se nibqa l-gvern jien. Jew jien ghada ha niddejjaq mela mhux se nibqa l-gvern. Jew jien ghada mhux se nitla mela mhux se nibqa fil-gvern. Din l-ideja tal-gvern bhala xi haga konfrontazzjonali trid tiggieled maghha, hu min hu hi ideja sbaljata. It-tieni puntagg. Id-direttur. Min huma d-diretturi l-ohra illi jigu nominati, qed nitkellmu fuq is-settur pubbliku issa. Mela jigu nominati mill-gvern jew inkella ghax ghandna partiti mhallta fis-settur pubbliku. Il-BOV per ezempju ghandek 25% il-gvern jinnomina l-president , ic-*chairman* u l-*worker director* li imbaghad jitla minn fost il-haddiema u ghandek ohrajn fejn jinnomina direttament il-gvern. Issa x'se taghmel lill-gvern tal-gurnata? Hu min hu l-gvern, ha tghidlu issa tinnomina lil hadd illi ghandu xi kundizzjoni mal-*federation of industry* jew ma MHRA. Jekk dan irid imexxi l-azjenda bl-ahjar mod possibbli ha toqghod tindahhallu lil min jinnomina. Hallih jinnomina, m'hemmx konfrontazzjoni hemmhekk. Il-punt hu, s-*seminar* huwa d-direttur fost il-haddiema. Dak illi trid tara illi intom bhalha trejdjunjonisti, bhala *managers* anke bhalha gvern, dak illi jrid ikun bhala direttur jaf x'inhu r-rwol tieghu. Jien

ninkwieta meta nhoss certa *inferiority complex.* Il-haddiem huwa l-izjed element b'sahhtu fis-socjeta. Issa veru li jista jkollok sitwazzjoni kif kellhom iz-zewg ex-diretturi haddiema illi gew maghsurin daqqa *chairman* ma jemminx, daqqa ghax iehor jemmen imma jibza. Veru jkollok dawn is-sitwazzjonijiet imma ghaliex gew dawk is-sitwazzjonijiet? Kieku jkollok sitwazzjoni fejn immur jiena bhala Ministru, iwassalni d-driver b'karozza daqshiex, minn hawn sal-faccata u mmur il-Mid Med u nitfa l-waiter barra. U daqshekk. U l-Tony nghidlu inti direttur haddiem imma ha nistmak f'sieqi. Jekk jaccettaw hati, jekk ma jaccettawhiex u jghiduli zomm naqra sur Ministru ahna taf kemm ghandna sahha, ha nuruk kemm ghandna sahha u juruni kemm ghandhom sahha. Daqshekk spiccat, risolt. Mela fl-imghoddi meta kien hawn dawn is-sitwazzjonijiet ghax il-haddiema mhux ghax id-diretturi ma kinux tajbin imma ghax il-haddiema ma mmobilizzawx ruhhom biex jghidu 'isma zomm daqsxejn wahda jekk veru ahna ghandna d-dritt illi ninominaw haddiem direttur, iva sar direttur allura irid ihares l-interessi ta' l-azjenda li jinkludu l-interessi taghna u ghax innominajnih ahna minn hemm irid jibda. Sar direttur, daqs haddiehor, mhux inqas minn haddiehor. Gej minn fejn gej haddiehor mhux inqas minn haddiehor. Fil-kontest li qalilkom Godfrey illi l-bniedem li tela hemmhekk irid jidhra illi dahal x'imkien fejn irid jagixxi differenti milli jagixxi fix-*shop floor. Fix-shopfloor,* fl-ufficcju, inti tahdem l-parti tax-xoghol tieghek, le, sew jekk

inti f'*assembly line*, sew jekk inti quddiem *computer*, int individwalista qed taghmel parti tax-xoghol tieghek bhala parti mill-prodott finali, imma l-parti tax-xoghol tieghek int qed taghmilha. Meta tidhol f'organizzazzjoni illi *at the end of the day* hija politika with a *small p*, mhux partigjana imma politika fejn ikun hemm il-maggoranza. Dik politika, tfisser hux hekk, trid tiehu decizjoni jew unanima imma kultant billi tiddiviedi, triq titghallem timmanuvra, taghmel l-allejanzi, zzomm lura. Naghmlu tant affarijiet, imma trid titghallem. Jekk ma titghallimx taghmel dawn l-affarijiet, allura tersaqx bhala kandidat, ghal direttur haddiem. Jew inkella jekk stess tersaq, imbaghad idhol hemm gew u meta tidhol hemm gew tibda tirrealizza x'ghandek titghallem u ghalhekk il-punt li ghadu kemm sar, illi forsi wasal iz-zmien meta ghandna tant diretturi haddiema, haddiema minn fost, diretturi minn fost il-haddiema, ghamilhom min ghamilhom, hu min hu l-gvern li ghamilhom, la bdew dawn ikomplu anke jekk jinbidel il-gvern ghada. Jekk jirnexxi jkompli, u jekk ma jirnexxiex, mhux sempliciment ghamilthom dawn biex ghamilt mossa, imma jekk l-esperiment jitlahham u jinghata l-hajja, imbaghad tikber. La z-zerriegha taghmilha titla. Is-sigra titla, mela allura biex titla importanti dak is-suggeriment li sar dwar kors edukattiv. Hemm numru bizzejjed illi jekk, insahhah is-suggeriment jien, jekk ic-centru jista jew xi hadd mill-*union* stess ukoll ghandhom interess. Imma c-centru huwa l-izjed maqtugh u l-izjed li jista' jghallem certi *skills*,

biex dak li jkun qieghed hemmhekk ikun jafhom mhux mill-prattika ghax qieghed direttur imma jitrawwem minn qabel tant ahjar. U dan jghodd ghal kulhadd. Sfortunatament, meta tidhol fil-gvern f'daqqa wahda issib ruhek f'cirkostanzi antipatici. Tghid: imma jien kif ha mmexxi pajjiz meta lanqas naf immexxi din il-kamra? U meta tghid immexxi l-pajjiz, mhux mil-lat politiku, imma mill-lat amministrattiv. Anke min jidhol fil-gvern ukoll ghandu bzonn certu tahrig u certu *inputting ta' skills* u mhux li titghallem *b'esperjenza.* Issa dik hija problema mhux taghkom hlief bhala votanti u ghalhekk trid toqghod attent x'inhu jigri u tikkritika. Imma f'dan il-livell izjed importanti hu li tghallem hafna lil dak li jkun. Il-politici ghasafar tal-passa. L-azjenda tibqa hemmhekk. Il-pajjiz jibqa hemmhekk. Huwa l-importanti li dan il-mudell, li issa ghandu ghoxrin sena u qed jizviluppa, forsi xi darba jaghraf il-merti tieghu anke s-settur privat, jikber. Biex dawk il-merti jintgharfu dak li ntqal illi min imur hemmhekk irid ghallinqas wara li tela - preferibilment qabel ma tela' - jattendi kors addattat. Il-kors fil-*labour studies* tajjeb, imma jista' jkun hemm xi haga iktar *meaningful* u iktar wiesgha.

Jew qabel ma tlajt jew wara li tlajt direttur minn fost il-haddiema ghandek tkun taf sewwa sew f'liema post dhalt. Intom qatt rajt pilota jtajjar ajruplan ill qabel itajjar ajruplan ma jkun ghamel sentejn jara kif itajru? Il-politiku

miskin, kultant isib lilu nnifsu f'dik il-pozizzjoni bla ma jaf itajru l-ajruplan, jghallmuh itajjru. Id-direttur mill-haddiema ghandu jkun f'qaghda ahjar.

# KODIĊI TA' PRATTIKA GĦAL ĦADDIEMA DIRETTURI

## A. Nota Editorjali

*F'għeluq is-seminar l-Onor is-Sur Lino Spiteri ex Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzi, ħabbar il-ħatra ta' Kumitat Konsultattiv biex jabbozza Kodiċi ta' prattika għad-Diretturi Eletti f'ċerti partijiet tas-settur pubbliku. Dan il kumitat kien kompost hekk:*

| | |
|---|---|
| *Il-Professur Edward L. Zammit* | *Chairperson* |
| *Dr Godfrey Baldacchino* | *Membru* |
| *Is-Sur Albert Tabone* | *Membru* |
| *Is-Sur Harold Walls* | *Membru* |

*Fil-25 ta' April 1997, dan il-kumitat u l-mandat tiegħu ġew ikkonfirmati mis-Segretarju Parlamentari, Dr Gavin Gulia, li ha r-risponsabilta għar-relazzjonijiet industrijali, wara r-riżenja tas-Sur Lino Spiteri minn Ministru*

*Dan il-Kumitat iltaqa sitt darbiet bejn Mejju u Lulju tal-1997 u kellu wkoll laqgħat ma' persuni li fil-passat okkupaw kariga ta' Diretturi eletti mill-ħaddiema u ma' dawk li fil-preżent qegħdin jokkupaw din il-kariga. Saru wkoll diskussjonijiet u laqgħat ma' rappreżentanti ta' min iħaddem u mat-trejd unions. Fil-bidu ta' Lulju l-Kumitat lesta Abbozz ta' Kodiċi ta Prattika għad-Diretturi eletti minn fost il-ħaddiema li ġie ppreżentat lis-Segretarju Parlamentari Dr Gavin Gulia. Dan l-abbozz li qiegħed jidher f'dan l-Appendiċi ġie ppreżentat lil-membri tal-media f'konferenza stampa nhar il-5 ta' Awissu 1997.*

## B. Rapport tal-Kumitat Konsultattiv

L-abbozz għall-Kodiċi ta' Prattika ġie mfassal fuq rapport li sar mill-Kumitat Konsultattiv. F'dan r-rapport il-Kumitat jiddeskrivi x-xogħol tiegħu u l-argumenti ewlenin li jnebbħu l-abbozz tal-kodiċi ta' prattika propost. Il-punti ewlenin ta' dan ir-rapport fil-qosor huma dawn li ġejjin:

- Il-prinċipju li l-ħaddiem jissieħeb fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fuq il-post tax-xogħol jinstab fil-qafas tad-demokrazija industrijali. Il-ħatra ta' direttur elett minn, u minn fost, il-ħaddiema twettaq u ssaħħaħ dan il-prinċipju.

- Ir-referenza eżatta għal din il-kariga għandha tkun bħala Direttur elett minn, u minn fost il-haddiema. B'hekk issir distinzjoni ċara bejnu u kull direttur ieħor maħtur mill-gvern li jista' wkoll jinzerta jkun ħaddiem

- Id-direttur elett mill-ħaddiema għandu jwettaq il-kariga tiegħu, bhad-diretturi l-oħra, għandu jħares l-interessi ta' l-azjenda u jaħdem biex jintlaħaq l-għan aħħari tagħha. Fl-istess waqt għandu wkoll iservi ta' vuċi tal-ħaddiema fuq il-Bord.

- Il-ħatra ta' direttur elett mill-ħaddiema, m'għandhiex tibqa' tiddependi mid-deċiżjoni ta' xi ministru tal-mument iżda għandha tiġi rikonnuxuta bil-liġi. Din il-liġi għandha tkopri biss is-settur pubbliku u bl-ebda mod ma tiġi mposta fuq jew estiża fis-settur privat.

- Id-direttur elett mill-ħaddiema għandu jaġixxi b'mod li jakkwista l-fiduċja tad-diretturi l-oħra filwaqt li jiżgura li jiġi mogħti l-istess faċilitajiet u drittijiet li jgawdu d-diretturi l-oħra fil-qadi ta' dmirijiethom.

- Waqt il-kommunikazzjoni ma' sħabu l-ħaddiema, d-direttur elett mill-ħaddiema jista' jigbor it-tagħrif meħtieġ biex ikun jista' jaqdi dmirijietu u jista' wkoll jwassal it-tagħrif li jagħmel ġid lil-azjenda.

Hemm il-perikl li d-direttur elett mill-ħaddiema jiġi wżat għal skopijiet trejd unjonistiċi. Din il-funzjoni ma taqax taħt il-kariga tiegħu u bl-ebda mod m'għandu jipprova jwettaqha.

Bħala direttur elett mill-ħaddiema la għandu jkun il-mira ta' vittimiżżazzjoni u l-anqas hu mgħandu juża l-pożizzjoni tiegħu għal xi vantaġġ personali.

- It-trejd unions huma mħeġġin jgħinu lid-direttur elett mill-ħaddiema fit-twettiq ta' dmirijietu billi:

(i) jedukaw lil-membri tagħhom dwar il-ħidma u r-rwol tiegħu

(ii) iħalluh barra mill-kwistjonijiet ta' natura trejd unjonistika.

(iii) jagħrfu l-ħatra tiegħu bħala direttur billi jeżentawħ milli jieħu sehem f'kull azzjoni ndustrijali li l-unjon tista tieħu kontra l-azjenda.

- Fir-relazzjoni tiegħu mal-managers fuq il-post tax-xogħol id-direttur elett mill-ħaddiema għandu jaġixxi bħal kull ħaddiem ieħor.

- L-edukazzjoni tista tkun mezz effettiv biex id-direttur elett mill-ħaddiema jwettaq ix-xogħol tieghu b'mod professjonali. Ladarba dan il-kunċett fil-qafas ta'demokrazija ndustrijali qiegħed jiġi aċċettat u mifrux u jista wkoll jiġi rikonnoxut b'liġi tajjeb li jinbnew strutturi u programmi ta' edukazzjoni għad-Diretturi Eletti.

## Ċ. Abbozz ta' Kodiċi ta' Prattika għal Diretturi Eletti mill-Ħaddiema f'Azjendi fis-Settur Pubbliku

Dan il-Kodiċi ta' Prattika għal Diretturi eletti mill-Ħaddiema f'azjendi fis-settur pubbliku jistabilixxi linji ta' gwida għall-imġiba korretta mill-imsemmija kategorija ta' Diretturi. M'għandux jitqies li jkopri kull sitwazzjoni li tista' tinqala' u lanqas li jagħti tweġiba għal kull mistoqsija li tista' ssir.

Dan il-Kodiċi jikkumplementa l-Kodiċi ta' Etika għal Diretturi ta' Bordijiet ta' azjendi fis-settur pubbliku u għandu jinqara' u jiġi applikat flimkien miegħu. Jekk, fil-każ ta' Diretturi eletti mill-ħaddiema, jinstab, jew jidher, xi konflitt bejn dan il-Kodiċi u l-Kodiċi ta' Etika, in norma mniżżla f'dan il-Kodiċi għandha tkun il-waħda li triegi.

### PRINĊIPJI

Direttur elett mill-ħaddiema għandu awtorita', dmirijiet u obbligi legali daqs, u xejn inqas minn, kull direttur ieħor. M'għandux iqis lilu nnifsu bħala r-rappreżentant tal-ħaddiema u lanqas huma m'għandhom iqisuh bħala tali. L-ewwel lealta tiegħu għandha tkun lejn l-azjenda li tagħha ġie elett direttur. Għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh li r-rwol ta' Bord ta' Diretturi hu li jfassal *policy* ġenerali għall-azjenda, u li jgħasses it-twettiq tagħha, mingħajr ma jinjora l-*policy* tal-Gvern tal-ġurnata. Il-parteċipazzjoni tiegħu fuq Bord tikkontribwixxi billi jiġu mħarsa l-interessi ta' l-*istakeholders* kollha.

Għalhekk Direttur elett mill-ħaddiema għandu:

- jikkontribwixxi bis-sħiħ għad-direzzjoni u l-istrateġija ta' l-azjenda fl-interess ta' kull min għandu sehem fiha;

- jżomm fehma ħielsa u jgħid u jagħmel dak li hu konvint ikun fl-aħjar interess ta' l-azjenda;
- isostni dejjem dak li hu konvint minnu waqt li jagħti widen għal dak li jgħid ħaddiehor;
- jiżgura li kull deċiżjoni tiegħu tkun fl-interess ta' l-azjenda kollha kemm hi;
- jgħin biex il-ħaddiema jifhmu l-opportunitajiet u l-problemi li l-azjenda jkollha quddiemha.

## IMGIEBA

**Direttur elett mill-ħaddiema hu mistenni li:**

- jikkontribwixxi idejat u/jew iqajjem punti għad-diskussjoni fil-Bord tad-Diretturi mingħajr ma jagħti vantaġġ lil xi interess sezzjonali jew individwali;
- juża biss kull informazzjoni li tingħata lilu jew miġbura minnu bħala Direttur biex jasal għal deċiżjoni għal ġid ta' l-azjenda;
- jżomm il-kunfidenzjalita' ta' dak li jingħad lilu jew jsir jaf bih bħala Direttur; per eżempju, m'għandux jidentifika individwi li jkunu tkellmu favur jew kontra deċiżjoni waqt laqgħa tal-Bord.
- jieħu inizjattivi xierqa sabiex jinħoloq mekkaniżmu li jinvolvi aktar lill-ħaddiema bl-iskop ta' tkattir ta' komunikazzjoni (minn isfel għal fuq u viċe versa) fl-azjenda.
- ma jieħux sehem f'xi forma ta' azzjoni ndustrijali diretta kontra l-azjenda.[1] ma jibqax iżomm xi kariga f'xi union

---

[1] It-trejd unjons huma mheġġa li japprezzaw il-pożizzjoni ta' direttur elett mill-ħaddiema u għalhekk jeżentawħ milli jippartecipa f'azzjonijiet industrijali mmirati direttament lejn l-azjenda tiegħu.

- ma jaġixxix ta' rappreżentant ta' xi union u lanqas b'xi mod jagħmilha ta' *shop steward*;
- ma jħallix ruħu jkun influwenzat la mill-ħaddiema sħabu u lanqas minn xi ħadd ieħor bl-iskop li jivvantaġġja xi nteressi partikulari;
- ma jindaħalx f'arranġamenti konsultattivi bejn it-tmexxija ta' azjenda u unions ħlief fejn ikun speċifikament inkarigat mill-Bord tad-Direttur

4.7.97

Ħaddiem elett minn sħabu l-ħaddiema biex jieħu l-kariga ta' Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi ta' l-Azjenda hu eżempju konkret ta' kif il-prinċipji tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema jistgħu jiġu mwettqa. X'kienu l-esperjenzi ta' dawk il-ħaddiema li kellhom din il-kariga? Kif iħarsu lejhom it-trejd unjonisti u l-politikanti? Xi prospetti għal futur għandu dan il-fenomenu? Dawn kienu l-mistoqsijiet ewlenin li ġew diskussi waqt seminar dwar dan is-suġġett organizzat miċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema (WPDC) u Friedrich Ebert Stiftung (FES). Dan il-ktejjeb jagħti rendikont tal-punti li tqajmu mill-kelliema u mid-diskussjoni waqt dan is-Seminar.

ISBN: 99909-984-1-8



WPDC-FES

Pubblikazzjoni taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema
Università ta' Malta
u Friedrich Ebert Stiftung.

*Disinn tal-qoxra: Joseph Vancell*